

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1066**tat-28 ta' Ġunju 2021**

li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinijni (EUPOL COPPS)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-3 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/354/PESK (¹), li kompliet l-EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2013.
- (2) Fid-29 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/902 (²), li emendat id-Deċiżjoni 2013/354/PESK u li estendieha mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (3) Fl-4 ta' Marzu 2021, fil-kuntest tar-Reviżjoni Strateġika tal-EUPOL COPPS, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li l-EUPOL COPPS għandha tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' 24 xahar, sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (4) Fl-1 ta' Ġunju 2021, il-KPS innota wkoll li, b'kont meħud tal-informazzjoni pprovduta minn Iżrael u l-Awtorità Palestinijsana, l-EUPOL COPPS għandha f'dan l-istadju tiġi estiża b'sena, sat-30 ta' Ġunju 2022.
- (5) Għalhekk id-Deċiżjoni 2013/354/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) L-EUPOL COPPS ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/354/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 12(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022 għandu jkun ta' EUR 12 600 000.”;

- (2) fl-Artikolu 15, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Hija għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2022.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fid-data tal-adozzjoni tagħha.

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinijni (EUPOL COPPS) (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/902 tad-29 ta' Ġunju 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinijni (EUPOL COPPS) (ĠU L 207, 30.6.2020, p. 30).

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2021.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-28 ta' Ġunju 2021.

*Għall-Kunsill
Il-President
M. do C. ANTUNES*
